# LILL-BANDIERA MALTIJA

*(Waqt li tkun tperper ma' oħrajn tan-N.A.T.O.)*

*Ta'* MARIO AGIUS

Is-sliem, bandiera sbejħa,
Mogħtija lill-ġens tagħna:
Minn min ried lilna jeħles,
Mill-għadu, b'id setgħana!

Narak, bandiera tagħna,
Ferħana bl-ilwien tiegħek:
B'dak l-abjad u b'dak l-aħmar
Li bqajt int tħaddan miegħek!

Kont int, bandiera, l-faraġ
Ta' niesna l-qalbiena:
Fl-Assedju l-Kbir ta' Malta
Sakemm is-Sema fdiena!

U bqajt, bandiera, magħna,
Fit-Tieni Gwerra Kbira:
'L-bandiera Nazzjonali
Rebbieħa ta' dil-Gżira!

Rajniek, bandiera, tielgħa,
Bil-mod, il-mod, ferħana:
Fil-Jiem l-Indipendenza
Qrib dawk ta' ġnus felħana!

Ridt int, bandiera, 'l darna
Iżżejjen bi kburija:
Bik ħienja t-tfal jifirħu
F'idejhom ċkejkunija!

Narak, bandiera ħelwa,
Fil-għoli ġol-Furjana:
Ma' dawk tan-N.A.T.O., tperper,
Bħal dawk ta' ġnus setgħana!

Villa Lija, 15—x—67.



# Xi kemm-il kwalità ta' KARTI hemm fil-Malti

Jiena ġbart dawn li ġejjin, taf b'oħrajn?
Karta ta' l-ittri (pad)
,, saħħara (carbon paper)
,, tad-dubbien (bil-kolla)
,, tad-W.C. (toilet)
,, tal-massu (dik tan-nutara)
,, strazza (tissue paper)
,, taz-zokkor (kaħla ħoxna)
,, tal-laħam (safra)
,, tal-lira (banknote)
,, tad-disinn (drawing)
,, xuga (blotter)
,, tat-tajr (tat-tfal)
,, tas-sigarretti (rice paper)
,, ta' l-istampa (printing)
,, tal-fidda (silver paper, bit-taljan stagnola)
,, oljata jew (tal-perżut)
,, tal-logħob (playing-card))
,, ta' l-ixkatlar (sand-paper)
,, tas-sarr (wrapping paper)
,, samra (brown paper)
,, ta' l-eżami (examination paper)
,, kambjali (bill of exchange)
,, tal-pjanti (tracing paper)
,, pesta (papier mache')
,, volanti (hand bill)

Barra dawn hemm ir-wrinkle paper li bil-Malti ma nafx kif isejħulha.

ĠINO MUSCAT AZZOPARDI.

N.B. Hemm karta oħra, igħidulha "Karta tal-bżar" karta ratba u ħoxna li kienu jużawha ħafna biex minnha jagħmlu l-kartapesta.